**3 ta' Frar, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**
Giorgio Micallef
*versus*
Giorgio Pace et.

**Vettura Awtomobbli — Trasferiment — Skrittura — Preskrizzjoni — Nullità — Boll — Art. 57 u 60 tal-Kap. 68.**

*Trasferiment ta' vettura awtomobbli li jsir mingħajr skrittura ma jiswiex bħala bażi ta' azzjoni f'kawża. Biex ikun jiswa, kull trasferiment jew twellija ta' motor car għandu jsir bil-miktub.*

*U din l-iskrittura mhix rikjesta biss għall-finijiet tal-boll, b'mod li l-assenza tal-iskrittura tista' timporta biss kontravvenzjoni għall-liġi fiskali dwar il-boll mingħajr ma ġġib nullità tan-negozju relattiv. F'każ simili ma jittrattax minn annullabbilità, imma minn nullità jew ineżistenza "ipso jure", li ma hemmx bżonn għaliha ebda dikjarazzjoni jew azzjoni 'ad hoc".*

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma toqgħodx flimkien mal-eċċezzjoni tal-ineżistenza tal-azzjoni; għax jekk l-azzjoni qatt ma twieldet, u hija għalhekk ineżistenti, ma jistgħax ikun hemm preskrizzjoni għaliha. Jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għalhekk, tiġi sollevata, mhux il-każ li l-istess tiġi diskussa u deċiża.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi fl-1952 partat, b'żieda ta' £137, karrozza "Packard" ma' karrozza "Vauxhall" li kienet iġġib in-numru tal-liċenza 6602, u li kienet f'isem il-konvenut Azzopardi, imma proprjetà tal-konvenut Pace; u li hu biegħ dik il-karrozza lil Guido Vella, li a sua volta reġa' biegħha lil Francesco Attard; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1954, fil-kawża "Attard vs. Vella et." ġie deċiż illi l-liċenza no. 6602 ma kienetx tappartjeni lill-karrozza minnu akkwistata, imma lil karrozza oħra, u għalhekk il-vendita tal-istess karrozza, li kien għamel Guido Vella

favur Francesco Attard, ġiet rexissa, b'riżerva favur l-istess Vella għal kull azzjoni tad-danni kontra Micallef — l-attur f'din il-kawża; u illi l-imsemmi Guido Vella, b'ittra uffiċjali tat-3 ta' Novembru 1954, interpellah biex jirriżarċilu d-danni li hu kien sofra minħabba l-bejgħ tal-karrozza fuq imsemmija; talab illi, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni illi l-imsemmija karrozza "Vauxhall", għalkemm kienet reġistrata f'isem il-konvenut Azzopardi, kienet fil-fatt ta' proprjetà tal-konvenut Pace, u li l-liċenza numru 6602 ma kienetx tal-istess karrozza "Vauxhall", tiġi rexissa u annullata, għar-raġunijiet indikati u għal kull raġuni oħra valida fil-liġi, il-permuta tal-imsemmija karrozza "Vauxhall" 6602 mal-karrozza "Packard"; u l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu konsegwentement kundannati jirrestitwixxu lill-attur is-somma ta' £137 li hu ħallas bħala żieda f'dik il-permuta; u l-istess konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lilu, in linea ta' danni, il-valur tal-karrozza "Packard" li ġiet minnhom trasferita bil-prezz ta' £100; liema danni jiġu likwidati, anki jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti nominandi; u inoltre £4 għall-ispejjeż inkorsi fit-transfer u ħlas ta' senserija; u l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu dikjarati responsabbli tad-danni illi l-imsemmi Guido Vella sofra, u li tagħhom qiegħed jippretendi r-riżarċiment minn għand l-attur, ammontanti għal £439.8.5, kif ukoll għad-danni li l-attur sofra sal-lum ammontanti għal £29.3.5, kif jidher mit-taxxa prodotta mal-att taċ-ċitazzjoni. B'riżerva għal danni ulterjuri u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' impediment ta' safar tas-27 ta' Diċembru 1954; u bl-interessi kummerċjali;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Giorgio Pace;

Illi, kif jirriżulta mill-istess att ta' ċitazzjoni, it-trasferimenti tal-karrozzi awtomobbli ndikati fl-istess att ta' ċitazzjoni — liema trasferimenti qegħdin iservu bħala bażi ewlenija għall-odjerna azzjoni — saru fl-1952;

Illi skond l-art. 57 tal-Kap. 68 (kif emendat bl-art. 4

tal-Att XVIII tal-1951), kombinat mal-art. 60, in kwantu dan l-artiko'u ġie estiż għat-trasferimenti ta' motor-cars bl-istess art. 4 tal-liġi emendanti fuq imsemmija, kull trasferiment jew twellija ta' motor-car għandha ssir bil-miktub;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, bis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 1956, in "Falzon vs. Tanti", iddeċidiet illi "ma jidherx li f'dan il-każ, għad-differenza ta' każijiet oħra, jista' jiġi ritenut li din l-iskrittura hi biss rikjesta għall-finijiet tal-boll, b'mod li l-assenza ta' skrittura tista' timporta biss kontravvenzjoni għal dik il-liġi fiskali, bla ma ġġib nullità tan-negozju relattiv". Għaliex "f'dan il-każ", kompliet tosserva dik l-Onorabbli Qorti, il-liġi fiskali, "wara li eżiġiet għat-trasferimenti ta' motor-car l-iskrittura, għaddiet biex tgħid li l-konvenzjoni bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni azzjoni; u hu ugwalment ċar li f'każ simili ron si tratta ta' annullabbilità, imma ta' nullità jew ineżistenza 'ipso jure', li ma hemm bżonn għaliha ebda dikjarazzjoni jew azzjoni 'ad hoc' ";

Illi t-trasferimenti fuq riferiti saru mingħajr skrittura. Id-dokumenti fuq riferiti fil-fol. 40 u fil-fol. 41, dikjarazzjoni tal-akkwirent lid-Dipartiment tal-Inland Revenue fis-sens li hu kien akkwista l-karrozza, u r-riċevuta tal-ħlas tal-boll, ma jikkostitwux l-iskrittura li in forza tagħha sar l-istess trasferiment; anzi l-imsemmija dikjarazzjoni turi li t-trasferiment kien ġa sar;

Illi għalhekk, l-odierna azzjoni mhix sostenibbli, salv lill-attur kull dritt, "si et quatenus", lilu derivanti mill-fatt tan-nullità tal-operazzjoni minħabba d-dispożizzjoni tal-liġi ċitata;

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut Giorgio Pace invoka wkoll il-preskrizzjoni; iżda din l-eċċezzjoni ma toqgħodx flimkien mal-eċċezzjoni tal-ineżistenza tal-azzjoni għar-raġuni premessa. Jekk l-azzjoni hi ineżistenti għaliex qatt ma twieldet, ma

jistgħax ikun hemm preskrizzjoni għaliha, u kwindi mhux il-każ illi l-eċċezzjoni tiġi sollevata, diskussa u deċiża;

Għall-motivi premessi;

Tiddikjara li ma hemmx lok għad-deċiżjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Pace;

Tirrespinġi l-azzjoni bħala ineżistenti; iżda, billi mhux l-attur biss ikkonkorra għan-nuqqas tal-iskrittura, tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingajr taxxa; id-dritt tar-Reġistru għak-kariġu tal-attur.